

СЪД НА ЕВРОПЕЙСКИТЕ ОБЩНОСТИ
TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU TIESA



EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS
AZ EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
CURTEA DE JUSTIȚIE A COMUNITĂȚILOR EUROPENE
SÚDNY DVOR EURÓPSKÝCH SPOLOČENSTEV
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

Stampa u Informazzjoni

INFORMAZZJONI GĦALL-ISTAMPA Nru 17/09

19 ta' Frar 2009

QORTI TAL-ĠUSTIZZJA – STATISTIKA TAL-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA 2008

IT-TUL TAL-PROĊEDURI GĦAL DEĊIŻJONI PRELIMINARI JILĦAQ L-IKTAR LIVELL BAXX TIEGĦU F'DAWN L-AĦĦAR 20 SENA, MINKEJJA Ż-ŻIEDA KOSTANTI FIN-NUMRU TA' KAWŻI KOMUNITARJA FL-AĦĦAR SNIN

Sena eċċezzjonali għall-Qorti tal-Prim' Istanza: żieda ta' 52% fin-numru ta' kawżi maqtugħa meta mqabbla mas-sena 2007, iżda żieda kbira fin-numru ta' kawżi mressqa

Il-Qorti tal-Ġustizzja

Is-sena 2008 kienet sena ta' importanza kbira kkaratterizzata mill-effikaċċja u mir-ritmu partikolarment għoli tal-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-istatistika ġudizzjarja għas-sena 2008 turi, minn naħa, tnaqqis sinjifikattiv haflna fit-tul tal-proċeduri għal deċiżjoni preliminari meta mqabbla mas-snin preċedenti u, min-naħa l-oħra, tendenza kontinwa ta' żieda fin-numru tal-kawżi Komunitarji

Fl-2008 kien hemm żvilupp kunsiderevoli fir-rigward tat-tul tal-proċeduri. Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda r-rinviji għal deċiżjoni preliminari, dan it-tul, bħala medja, kien ta' 16.8 xhur, jiġifieri 3 xhur iqsar mill-2006. Minn analiżi komparattiva jirriżulta li t-tul medju tal-proċeduri fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari laħaq l-iktar livell baxx tiegħu f'dawn l-aħħar 20 sena. F'dak li jirrigwarda r-rikorsi diretti u l-appelli, it-tul medju tal-proċeduri kien ta' 16.9 xhur u ta' 18.4 xhur rispettivament (18.2 xhur u 17.8 xhur fl-2007).

Fl-2008, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 567 kawża filwaqt li tressqu quddiemha 592 kawża ġodda, ċifra li taqbeż saħansitra ċ-ċifra ta' 580 kawża mressqa fl-2007, li kienet l-iktar ċifra għolja fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja. In-numru ta' kawżi pendenti fl-aħħar tas-sena 2008 huwa kważi identiku għal dak tas-snin preċedenti.

It-titjib fl-effikaċċja li biha l-Qorti tal-Ġustizzja tittratta l-kawżi huwa dovut kemm għar-riformi fil-metodi tax-xogħol tagħha mmedija f'dawn l-aħħar snin, u kif ukoll għall-użu iktar estiż tad-diversi strumenti proċedurali li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tħaffef ċerti kawżi, b'mod partikolari l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-prijorità tad-deċiżjonijiet, il-proċedura mħaffa, il-proċedura ssemplifikata u l-possibbiltà li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali.

Fl-2008 ġiet applikata għall-ewwel darba proċedura ġdida, il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. Din il-proċedura ntalbet f'6 kawżi u l-Awla magħżula kkunsidrat li l-kundizzjonijiet

mitluba kienu sodisfatti fi 3 minn dawn il-kawżi. Dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari taw lill-Qorti tal-Ġustizzja l-possibbiltà li taqta' dawn il-kawżi fl-2008 f'terminu partikolarment qasir ta' madwar xahrejn.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza

Matul is-sena 2008, il-Qorti tal-Prim'Istanza qatgħet 605 kawżi, ċifra li tirrappreżenta żieda ta' 52% meta mqabbla mas-sena 2007. In-numru ta' seduti miżmuma fl-2008 rdoppja meta mqabbel man-numru ta' seduti miżmuma fl-2007: 341 fl-2008 u 172 fl-2007. It-tul medju tal-proċeduri, min-naħa tiegħu, naqas minn 27.7 xhur fl-2007 għal 24.5 xhur fl-2008.

Fid-dawl taż-żieda kostanti fin-numru tal-kawżi u, konsegwentement, fil-volum tal-kawżi pendenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet eżerċizzju ta' tiġdid tal-metodi tax-xogħol tagħha, tal-organizzazzjoni tagħha u kif ukoll tal-funzjonament tagħha fil-livelli kollha marbuta mal-ġestjoni tal-kawżi. L-għan ta' dan l-eżerċizzju għall-Qorti tal-Prim'Istanza kien li ttejjeb l-effikaċja tagħha filwaqt li tiżgura li ma tippreġudikax il-kwalità tad-deċiżjonijiet mogħtija. Barra minn hekk, ir-Regoli tal-Proċedura ġew emendati sabiex il-Qorti tal-Prim'Istanza tkun tista' tiddeċiedi dwar rikorsi fil-qasam tal-proprjetà intellettuali mingħajr fażi orali tal-proċedura, sakemm waħda mill-partijiet ma tagħmilx talba motivata.

Matul is-sena 2009 l-Qorti tal-Prim'Istanza se tkompli l-isforzi tagħha sabiex tilħaq l-għan tagħha u se tkun tista' tibbenefika iktar mill-implementazzjoni tar-riformi introdotti. Fil-fatt, filwaqt li l-istatistika tindika sena eċċezzjonali f'termini ta' kawżi maqtugħa, l-2008 kienet ukoll sena eċċezzjonali f'termini ta' kawżi mressqa: 629 kawża tressqu fl-2008, meta mqabbla ma' 522 fl-2007 u 432 fl-2006. Kien hemm żieda zġhira fin-numru ta' kawżi pendenti, li żdied minn 1.154 fl-2007 għal 1.178 fl-2008. Dan joħloq riskju ta' dewmien fit-tul tal-proċeduri. Fid-dawl tal-iżvilupp sistematiku tal-kawżi, se tkun meħtieġa riflessjoni iktar fil-fond dwar ir-rimedji u l-mezzi, b'mod partikolari strutturali, li permezz tagħhom il-Qorti tal-Prim'Istanza se tkun tista' tibqa' tiżgura, fl-interess tal-individwi, trattament ta' kwalità tal-kawżi filwaqt li tnaqqas it-tul tal-proċeduri.

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

Bi 111 rikorsi ġodda, in-numru ta' rikorsi ppreżentati fl-2008 huwa, għall-ewwel darba f'dawn l-aħħar għaxar snin, inqas mis-sena preċedenti. Barra minn hekk, dan in-numru huwa inqas sew minn dak tar-rikorsi ppreżentati fl-2007, li kien ta' 157 rikors.

Fl-2008, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qata' 129 kawża. Il-bilanċ bejn il-kawżi maqtugħa u dawk imressqa huwa għalhekk pożittiv, bil-konsegwenza li, għall-ewwel darba mill-ħolqien tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, kien hemm tnaqqis zġhir fin-numru ta' kawżi pendenti: 217 fl-2008 kontra 235 fl-2007.

It-tul medju tal-proċeduri kien ta' 17-il xahar, jiġifieri kemmxejn itwal mit-tul medju tal-proċeduri fl-2007.

Matul is-sena 2008, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kompla wkoll bl-isforzi tiegħu sabiex iwieġeb għall-istedina tal-leġiżlatur li jiffaċilita s-soluzzjoni tal-kontroversji permezz ta' ftehim bonarju fl-istadji kollha tal-proċedura.

Lingwi disponibbli: Kollha

*Din l-Infommazzjoni għall-Istampa hija disponibbli wkoll fis-sit Internet tal-Qorti tal-Ġustizzja
<http://curia.europa.eu/mt/actu/communiques/index.htm>*

*Għal iktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell
Tél : (00352) 4303 3355 – Faks : (00352) 4303 2731*